# POLITIKA LI TISFRATTA (*DISRUPTIVE POLITICS*)



**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*



**Ma tistax tagħmilha tal-*bully* ma' pajjiżi żgħar tal-UE billi tiġġieled u tgħajjarhom mentri taf li qed jagħmlu kull sforz bħalek biex jiġġieldu l-problema tal-immigrazzjoni** *[Ritratt: REUTERS]*

Kull bidla ta' gvern, u hawn qiegħed nirreferi għal meta l-partit li jibda jigverna jkun partit differenti minn dak li kien jigverna qabel, bilfors li jwassal għal tibdil fil-mod tat-tmexxija. Wieħed irid ifakkar li din il-bidla tkun ġiet determinata mill-elettorat.

Ikun l-elettorat li ried din il-bidla u kien l-istess elettorat li jkun ivvota f'din id-direzzjoni skont il-manifest elettorali fejn ikunu ġew elenkati dawk il-miżuri, jew biex insejħulhom b'lingwaġġ populista, wegħdiet, li kull wieħed mill-partiti politiċi li jkunu ħarġu għall-elezzjoni, ikunu pproponew lill-elettorat.

Meta l-ideoloġija jew it-twemmin tal-partit li jkun tilef l-elezzjoni u ta' dak li jkun rebaħ l-elezzjoni, tkun opposta, il-bidla tkun ferm ikbar. Dan iseħħ fiċ-ċirkustanza meta t-twemmin taż-żewġ partiti jkun wieħed lemini filwaqt li l-partit l-ieħor ikun partit xellugi. F'xenarju bħal dan, pajjiż imur min-naħa għall-oħra tal-ispettru politiku.

Kull partit għandu l-ideoloġija tiegħu li tista' tkun ixxaqleb lejn in-negozjant jew favur il-ħaddiem; partit ikun ambjentalista u ieħor ikun favur l-espansjoni tal-industrija akkost ta' kollox. Dan hu n-normal. Din il-mod ta' politika ilha teżisti u dejjem wasslet għal bidliet raġonevoli.

Però jkun hemm ċirkustanzi fejn partit ikun irid akkost ta' kollox jikseb il-poter u biex jintlaħaq dan il-għan, iwieġħed li kif ikun fil-gvern, se jkun qiegħed jaqleb il-pajjiż ta' taħt fuq. Fit-triq li twassal il-partit jilħaq dan it-tragward, il-partit jibda jħaddan politika, dik li bl-Ingliż ngħidulha "disruptive politics," politika li twassal biex tisfratta kull inizjattiva li tkun saret mill-partit li kien qiegħed jigverna qabel. Politika li żgur ma nistgħux insejħulha konvenzjonali.

Dan iwassal li mhux biss wieħed ibiddel ir-rotta f'dak li hija politika ideoloġika, imma saħansitra, jiġu njorati trattati li jkunu ġew iffirmati ma' pajjiżi oħra u ma jiġux onorati u osservati regoli internazzjonali.

Din mhix fantasija imma wieħed qiegħed jara xejra ta' din l-attitudni minn dawk il-partiti hekk imsejħin populisti, b'eċċezzjoni ta' xi wħud minn dawn il-partiti. L-għeruq ta' din is-sitwazzjoni ġejjin mill-fatt li dawn il-partiti jkunu fasslu l-manifest elettorali tagħhom fuq dawk is-sitwazzjonijiet ta' rabja għal kawżi li jkunu xebbgħu lill-elettorat. Hemm bosta pajjiżi fejn l-elettorat huwa mdejjaq u mxebba' li jara lil pajjiżu jibqa' lura minn tkabbir ekonomiku li jwassal għall-prosperità u ħolqien tax-xogħol.

Minflok, il-poplu ta' dawn il-pajjiżi qiegħed jiffaċċja qgħad; aktar nies jaqgħu fiċ-ċirku tal-faqar; tiżdied il-kriminalità u jkun hemm gruppi ta' nies li jidħlu f'għaqdiet terroristiċi, u hemm ukoll l-effett ta' immigrazzjoni bla rażan.

Meta din is-sitwazzjoni tkun ilha tirrenja għal għexieren ta' snin, wieħed ma jagħtix tort li l-poplu jkun imxebba' u rrabbjat. U f'ċirkustanzi bħal dawn, il-poplu jkun irid jisma' lil xi ħadd jgħidlu li jekk ikun jigverna hu, dawn il-problemi kollha jogħsfru mil-lejl għan-nhar. Dawn il-partiti populisti jsibuha faċli jisfruttaw it-tbatija tal-poplu.

Biex nispjega aħjar il-politika distruttiva li semmejt hawn fuq, irrid inġib eżempju aktar tanġibbli u li jħaddan l-istess prinċipju, dak ta' "disruptive technology." Se nieħu spunt minn mezz ta' trasport.

Meta tkun trid tmur xi post ieħor u malajr, wieħed jagħżel li jmur għas-servizz tat-*taxi*. Kien għalhekk li kellek numru ta' ndividwi ġabu liċenzja biex jagħmluha ta' xufiera tat-*taxi* u bdew joffru dan is-servizz li tiegħu jitħallsu bi flus kontanti.

Riċentament, kien hemm individwu li ħareġ bl-idea, li kull minn għandu karozza tiegħu, u lest li jwassal lil xi ħadd minn post għal ieħor, jirreġistra ma' dan l-individwu. Bl-użu ta' applikazzjoni minn fuq il-mowbajl, dan l-individwu ħoloq sistema fejn individwu li jkollu bżonn juża karozza biex imur post ieħor, jidħol fl-applikazzjoni tal-mowbajl li ħoloq dan l-individwu, u jkun jaf l-iktar karozza privata viċin tiegħu li tista' twasslu fil-post li jrid hu. Meta jibbukkja, iħallas il-vjaġġ minn fuq il-mowbajl u l-individwu li juża l-karozza tiegħu, jitħallas minn dan l-individwu li vvinta din is-sistema.

Qiegħed nirreferi għall-Uber. Din wasslet biex naqas ħafna il-prezz li kienu jiċċarġjaw it-*taxis* tradizzjonali. Dan hu eżempju wieħed ta' *desruptive technology.* Tant hija innovattiva u effettiva, li dan il-mezz ta' trasport ħasad lil kulħadd saħansitra anke lir-regolatur li ma kienx jaf kif se jaqbad jirregola dan il-mezz ġdid ta' trasport.

L-istess jista' jingħad fejn tidħol il-politika. Sena ilu kellna l-elezzjoni ta' Trump bħala President tal-Istati Uniti. Fil-kampanja Presidenzjali, Trump wiegħed affarijiet li kienu se jheżżu l-mod ta' kif kien isir il-kummerċ u ta' kif kien jiġi ntaxxat il-kummerċ. Kif wieħed seta' biss joħlom li kien se jkollok President li jasal biex jgħaddi kummenti jew saħansitra jgħajjar lil pajjiżi ġirien tiegħu u pajjiżi li fil-passat kienu alleati u ġġieldu spalla ma' spalla gwerer imdemmijin bħal dik tat-Tieni Gwerra Mondjali?

Qiegħed nirreferi għal dak li ġara waqt is-summit tal-G7 fejn jiltaqgħu s-seba' pajjiżi l-aktar sinjuri tad-dinja. Il-President Amerikan mar tard u telaq kmieni minn dawn il-laqgħat li saru fil-Kanada. Mhux biss, imma wara li deher li ftiehem mas-sitt pajjiżi l-oħra, meta telaq mil-laqgħat u kien fi triqtu lura lejn pajjiżu, qal lill-midja li dak li ġie miftiehem fil-laqgħat, hu mhux se jonorah.

L-istess nistgħu ngħidu fuq id-deċiżjoni tiegħu li qabad u mpona tariffi fuq prodotti tal-metall impurtat biex l-Amerikani jibdew jixtru prodotti manifatturati fl-Amerika stess. U dan sar mingħajr l-ebda diskussjoni mal-pajjiżi l-oħra. U ma waqafx hemm. Qiegħed jhedded li se jdaħħal aktar taxxi fuq karozzi Ewropej.

Iktar qrib ta' pajjiżna, għandna l-istess sitwazzjoni. Qiegħed nirreferi għall-Italja. Qegħdin nibdew naraw l-istess sintomi ta' sfrattar politiku. Partit li qiegħed jigverna fl-Italja qiegħed jgħid li ma jistax jibqa' jkun hemm dak l-influss ta' immigrazzjoni lejn l-Italja.

Sakemm l-argument idur fuq il-fatt li fis-snin passati, il-piż tal-immigrazzjoni irregolari spiċċa waqa' fuq l-Italja u tħalliet waħedha mingħajr għajnuna minn bosta pajjiżi Ewropej oħra, huwa argument raġunat. Huwa aċċettat ukoll li jkun hemm rabja fost it-Taljani li tħallew waħedhom. Iżda imbagħad ma tistax tagħmilha tal-*bully* ma' pajjiżi żgħar u tiġġieled u tgħajjar il-pajjiżi żgħar tal-Unjoni Ewropea li taf li qegħdin jagħmlu kull sforz bħalek biex jiġġieled l-istess problema.

B'din l-attitudni, iwassal biex ikun hemm animożità bejn il-pajjiżi Ewropej li jwassal biex qatt ma jista' jkun hemm ftehim fit-tul. Ir-regoli internazzjonali jridu jiġu osservati.

Kellna l-istess attitudni ftit tas-snin ilu meta partit tax-xellug ġie elett fil-Greċja. Kif ħa l-Gvern f'idu, il-ministri tal-partit bdew jitkellmu u jheddu li mhux se jħallsu lura d-djun li l-pajjiż kellu; saħqu li l-Unjoni Ewropea trid tbiddel ir-regoli tagħha biex takkomodahom; ma ridux jiltaqgħu ma' uffiċjali tal-Fond Monetarju Internazzjonali u lanqas mal-Kummissjoni Ewropea; xellfu kull protokol fejn anke laqgħa tal-ministri Ewropej saret fl-ajruport milli f'uffiċċju. Dan kollu kien wassal biex inħolqot tensjoni u nkwiet li wassal biex il-laqgħat tal-Kunsill kienu qegħdin idumu ljieli sħaħ u fl-aħħar il-Gvern Grieg kellu jbiddel il-Ministru tal-Finanzi tiegħu li kien qiegħed jaġixxi b'dan il-mod. Kien mal-bidla tal-Ministru tal-Finanzi li r-relazzjoni tjiebet mal-Gvern Grieg u l-affarijiet bdew imorru għan-normalità.

X'se jiġri fl-Italja u mill-President tal-Istati Uniti, ħadd ma jista' jbassar.

Fil-każ tal-Italja, huwa fatt ovvju li jekk mhux se jimxu u josservaw ir-regoli tal-Unjoni Ewropea, triq waħda hemm, dik li ħadet ir-Renju Unit u l-Italja jkollha tgħid ċar u tond li se tkun qegħda tispiċċa minn membru tal-Unjoni Ewropea.

Iżda fl-istess nifs, l-Italja qegħda tgħid li trid tibqa' membru tal-Unjoni. Għalhekk, l-Italja mgħandhiex triq oħra ħlief li timxi mar-regoli Ewropej u jekk tħoss li hemm sitwazzjonijiet u affarijiet li mhux ġusti, tibda taħditiet mal-istati membri l-oħra u mal-Kummissjoni biex tinstab soluzzjoni dwar l-immigrazzjoni li tkun ġusta u aċċettabbli għal kulħadd.

Dwar il-finanzi, jekk l-Italja taqbad ir-rotta li tonfoq bla rażan u tkompli żżid id-djun li diġà għandha, żgur li mhux se tkun triq li twassal biex jinħoloq ġid għall-pajjiż meta tqis li l-Italja hija r-raba' pajjiż l-iktar li għandu dejn fid-dinja.

Għalhekk biex l-Italja ssolvi l-problemi tagħha, ma tiddependix biss mill-elettorat Taljan iżda tiddependi wkoll minn dawk il-pajjiżi li magħhom għandha djun kbar. U allura, dan ifisser li iva, anke l-barranin għandhom l-interess u s-saħħa li jinfluwenzaw gvern midjun u sa ċertu punt jiddettawlu kif irid imexxi l-ekonomija tal-pajjiż.